

Brussell, 5 ta' Ottubru 2017  
(OR. en)

12828/17

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0809 (CNS)**

---

---

**JAI 871  
DAPIX 314  
CRIMORG 165  
ENFOPOL 443  
ENFOCUSTOM 213**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9119/17; 10476/17
Suġġett:	“Deċiżjonijiet ta' Prüm” - Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija fil-Greċja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika

---

1. Fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Mejju 2017, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal- Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) approva r-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni rigward l-iskambju ta' data dattiloskopika għall-Greċja (9118/17 DAPIX 182 CRIMORG 99 ENFOPOL 229 ENFOCUSTOM 117 JAI 416) kif ukoll ir-rapport ġenerali (9119/17 DAPIX 183 CRIMORG 100 ENFOPOL 230 ENFOCUSTOM 118 JAI 417) ibbażat fuq il-kwestjonarju, żjara ta' valutazzjoni u prova pilota.
2. Fil-laqgħa tad-DAPIX tad-29 ta' Mejju 2017, kien rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li l-kondizzjonijiet intlaħqu biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika, il-Greċja implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

3. Konsegwentement, fid-19 ta' Ġunju 2107 il-Kunsill adotta l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI (“Deċiżjonijiet ta' Prüm”) li jikkonċernaw il-Greċja fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika (10473/17 DAPIX 237 CRIMORG 124 ENFOPOL 324 ENFOCUSTOM 159 JAI 613).
4. Kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, fit-12 ta' Lulju 2017 il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija fil-Greċja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u li jinsab fid-dokument 10476/17 DAPIX 238 CRIMORG 125 ENFOPOL 325 ENFOCUSTOM 160 JAI 614
5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-4 ta' Ottubru 2017.
6. *Abbażi ta' dan, il-COREPER qed jintalab*
  - *jippreżenta r-rapport ġenerali (9119/17 DAPIX 183 CRIMORG 100 ENFOPOL 230 ENFOCUSTOM 118 JAI 417) lill-Kunsill, u*
  - *jistieden lill-Kunsill biex jadotta bħala punt “A” fuq l-aġenda tiegħu l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija fil-Greċja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika (10476/17 DAPIX 238 CRIMORG 125 ENFOPOL 325 ENFOCUSTOM 160 JAI 614).*